# Ġorġ Tabone (Il-Binu)

*Minn Grazio A. Grech*

Ġorġ Tabone magħruf bħala 'Il-Binu', twieled nhar is-16 ta' Marzu, 1841, ir-Rabat, Għawdex.[1] Missieru, Ġiovanni (c1813-1896) imwieled Malta,[2] kif ukoll ommu, Antonio (1823-1868), imwielda Falzon mir-Rabat, Għawdex, kienu bin-negozju.[3]




*Il-Monument ta' Ġorġ Tabone (Il-Binu)*

Ġorġ Tabone għamel xi żmien mas-Servizzi Ngliżi u billi kien idoqq fuq il-frejgati kiseb esperjenza ta' kif kienu jkunu l-baned. Lura f'Għawdex insibuh jgħin lil missieru fin-negozju waqt li aktar tard huwa wkoll kien bin-negozju bħalma kien ħuh Carmelo. Ġorġ Tabone kien armat bil-ħanut tal-merċa wara l-Banca Giuratale.[8]

Fl-1860 u l-1861 nsibuh ukoll jiġi msejjaħ sabiex jingħaqad mal-mużika għall-jiem tal-festa ta' Santa Marija li ssir fil-Katidral ta' Għawdex, dak iż-żmien il-Matriċi ta' Għawdex. Fil-mużika, li għall-okkażjoni tal-festa kienet tiġi msaħħa b'mużiċisti Maltin u Għawdxin, Ġorġ Tabone (il-Binu) kien idoqq l-offlè. Fl-1861, Ġorġ Tabone, tas-servizzi li ta fil-mużika tħallas tlett skudi u 9 tari'.[5]

Ġorġ Tabone (il-Binu) kien dak il-bniedem li fl-1863 waqqaf fir-Rabat ta' Għawdex, banda bi tnax il-bandist.[6] It-twaqqif ta' din il-banda li kienet b'mod verament differenti mill- 'baned' ta' qabilha trasformat l-arti tal-mużika f'Għawdex għax kienet il-bidu tat-twaqqif ta' għaqdiet oħra mużikali f'Għawdex, u llum f'Għawdex hawn sitt għaqdiet mużikali.[7]

Tradizzjonalment nafu li kemm il-banda ta' Ġorġ Tabone, li kienet magħrufa bħala **'Il-Banda ta' Binu'** kif ukoll il-banda ta' Dirjanu Lanzon, li kienet magħrufa bħala, **'Il-Banda ta' Dirjanu'**, kienu ħadu sehem fil-festi tad-Djoċesi ta' Għawdex,[8] waqt li nafu wkoll li nhar l-14 ta' Ġunju, 1863, kienu ħadu sehem **'varie bande musicali'** fil-laqgħa li l-Għawdxin kienu għamlu lill-Isqof Mons Mikiel F. Buttigieg.[9] Fl-1865, kemm il-banda ta' Ġorġ Tabone kif ukoll dik ta' Dirjanu Lanzon kienu ħadu sehem fil-festa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, meta Ġorġ Tabone tas-sehem tal-banda tiegħu tħallas 17-il skud u 6 tari'.[10]

Il-Baned **'Ta' Binu'** u **'Ta' Dirjanu'** kienu ngħaqdu f'banda waħda u Mro Adriano Lanzon ħa t-tmexxija tal-banda waqt li Ġorġ Tabone baqa' jdoqq fil-banda.[11] Fl-1872 meta n-negozjanti Stefano Eynaud, Furjaniż, magħruf bħala 'Fefu', mar jirringrazzja lill-kostitwenti tiegħu f'Għawdex, fost il-bandisti li ġew indikati mill-banda li kienet ħadet sehem kien hemm mhux biss Ġorġ Tabone (il-Binu), imma wkoll ħuh, Carmelo u Salvu Xuereb, li kienu bandisti fil-banda li Ġorġ Il-Binu kien waqqaf fl-1863.[12]

Fil-kuntratt li l-bandisti u s-Surmast, dak iż-żmien, iben Mro Dirjanu Lanzon, Mro Akille Lanzon, għamlu fl-1880 nsibu li kemm Ġorġ Tabone kif ukoll ħuh, Carmelo, kienu għadhom fil-banda u ntrabtu bħal sħabhom għal tmien snin.[13] Fi Frar, 1881, din is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika ġiet uffiċjalment mogħtija l-isem ta' **'Banda del Leone'.**[14]

Fl-1902, Ġorġ Tabone (il-Binu) kien wieħed mill-120 persuna li ssejħu biex jixhdu u jgħidu dak li jafu dwar il-Kanonku Dun Franġisk Mercieca fl-


Addì 4. Luglio 1865.
Ricevo dal suddetto Signor Canonico Don Luigi Debrinat pagante con detta sua qualità
Scudi diciasette e tarì sei per serenate di Banda
nella solennità della Visitazione di B. M. V. del
corrente anno ——— Sc 17. 6.
Giuseppe Tabone
Li 22. Gennaro 1866. Pagati per musica per occorrenza della Visita Scudi

*Fotokopja ta' l-irevuta tal-ħlas tas-sehem tal-Banda ta' Ġorġ Tabone (Il-Binu) fil-Festa tal-Viżitazzjoni fil-Parroċċa ta' l-Għarb, Għawdex. F'din l-irċevuta li ġġib id-data ta' l-4 ta' Lulju, 1865, u tinsab fl-arkivju tal-Parroċċa ta' l-Għarb, Għawdex, deher li ġabar il-flus ħu Ġorġ Tabone, Ġużepp Tabone, li kien wieħed mill-bandisti*

okkażjoni tal-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu.[15] Dokument ippubblikat fil-ktieb ta' Mons Anton Gauci dwar il-Kanonku Dun F. Mercieca, **'Ġawhra mill-Għasri'**, kompla neħħa kull dubju li seta' Xeħet 'Gavlos Oppidvm' meta kiteb li l-banda ta' Ġorġ Tabone (Il-Binu) kienetx tiegħu jew inkella ta' zijuh li kien jismu Albino.[16] Il-kliem li hemm fid-dokument, **'Giorgio Tabone detto t'Albinu'**, flimkien ma' dak li kont ippubblikajt jien fl-'Orizzont' tal-15 ta' Settembru, 1982, ma jħalli l-ebda l-iċken dell ta'dubju li Ġorġ Tabone kien magħruf bħala ta' Albinu (d'Albino) jew **'Ta' Binu'**.[17] Tajjeb, iżda, nsemmi li zijuh Albino Tabone, li kien mastrudaxxa, miet ir-Rabat, Għawdex fl-1893 fl-età ta' 75 sena u midfun fil-knisja ta' San Ġorġ.[18]

Ġorġ Tabone (Il-Binu) kien ukoll viżjonarju-profetiku Għawdxi, għax bil-kliem profetiku tiegħu kien jara quddiem għajnejh u jħoss dak il-ħin stess dak li dwaru kien ikun qed jitkellem. Ruħu kienet titqanqal meta kien ikun ibassar x'kellu jiġri. Illum nafu li profeziji tiegħu seħħew tassew waqt li min jaf kemm kliem profetiku qal, u li ħadd ma ta kasu. Għadhom f'widnejja il-kliem, **'għad jiġi żmien meta naraw il-vapuri jtiru'** li naturalment kien qed jalludi għall-ajruplani, li kien jgħid Ġorġ Il-Binu u li lili, l-awtur ta' din il-bijografija, u lil oħrajn ġew mgħoddija lilna minn neputih, Ġorġ Tabone (tal-Ġurdien) li miet fl-età ta' 90 sena fl-1989.[19]

Is-soċjetà Filarmonika 'Leone' li tagħraf lil Ġorġ Tabone (Il-Binu) bħala Fundatur tagħha, onoratu billi fl-1965 kixfet bust tiegħu u li llum jinstab fil-każin preżenti,[20] waqt li fl-1983 fl-okkażjoni ta' egħluq il-120 sena mit-twaqqif tal-banda għollietu għall-ġieh ta' monument li tpoġġa fil-faċċata tal-każin u tal-kumpless tat-teatru ta' l-opra 'Aurora'.[21]

Xieraq ukoll li dan il-patrijott Għawdxi li miet fis-17 ta' Ġunju, 1916, u ġie midfun fil-Katidral ta' Għawdex,[22] jiġi mfakkar mill-awtoritajiet ċivili billi tiġi msemmija triq għalih fir-Rabat, Għawdex.

---

**Referenzi**

[1] Arkivju Bażilka S. Ġorġ (ABSG): Lib. Bapt. 1813-1833, Vol 8.

[2] Reġistru Pubbliku Għawdex (RPG): Att tal-Mewt Nru 340/1896.

[3] RPG: Att tal-Mewt Nru 28/1868, u ABSG: Lib. Bapt. 1813-1833, Vol 8.

[4] Arkivju Qorti ta' Għawdex: Lettere Ufficciale 1890, Sez. Vittoria; It-Torċa: 27/9/64; L-Orizzont: 17/9/82; u tagħrif li kien ġie mogħti persunalment lili minn Ġorġ u Anton Tabone (tal-Ġurdien), illum mejta.

[5] Arkivju Katidral Għawdex (AKG): Irċevuti: Conto di Musica di S. Maria, Awissu 1860, 1861.

[6] Fuljett maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika 'Leone' fl-1933.

[7] L-istess u Grech Grazio A.: **Ġrajja tas-Soċjetà Filarmonika 'Leone', 1988.**

[8] Il-Berqa: 16/11/55.

[9] L'Arrivo e l'Accoglienza nell'isola del Gozo di Mons Michele F. Buttigieg, p.16.

[10] Arkivju Parroċċa Għarb: Irċevuta datata 4/7/1865.

[11] Fuljett maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika 'Leone fl-1933; il-Berqa: 19/7/1933.

[12] Ktejjeb Programm Santa Marija, Rabat, Għawdex, 1986; **Id-Daħla Trijonfali ta' Fefu f'Għawdex - 1872.**

[13] Nutar: A. Calleja Pace: Att datat 27/5/1880.

[14] Nutar: Carmelo Gauci: Att datat 11/2/1881, Art 1.

[15] Gauci Anton: **Ġawhra mill-Għasri,** 1988, p 93.

[16] L-Orizzont: 3/8/1982, p.12.

[17] Gauci Anton: **Ġawhra mill-Għasri,** p. 93. (Ħajr lil Mons A. Gauci talli għaddieli fotokopja ta' dan id-dokument ta' l-1902).

[18] RPG: Att tal-mewt, Nru 118/1893, u ABSG: Lib. Def. 1882-1927.

[19] RPG: Att tal-mewt, Nru 142/1989, u L-'Orizzont': 17/9/82.

[20] It-Torċa: 30/5/65; Il-Berqa: 20/5/65.

[21] Il-Ħajja: 19/8/83; The Times: 9/8/83.

[22] RPG: Att tal-mewt Nru 190/1916, u AKG: Lib. Def. 1893-1934, Vol V.